**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

**Il-Ħamis, 27 ta' Ottubru, 2022**

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima (*joined virtually*) – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Clyde Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 46.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

46.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

46.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 46.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

46.2.1 Is-Sindku ta merbħa lill-ambaxxatur il-ġdid Clyde Cauchi li kien qed jattendi għall-ewwel laqgħa tiegħu b'mod fiżiku.

46.2.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li rigward l-European Mobility Week, ħadna l-fondi pero infurmaw lill-Kunsill biss erbgħa t'ijiem qabel ma kella tibda l-ewwel event. Is-Sindku qal li dawn it-timeframes mhux aċċettabli biex tiġi ippjanata event kif suppost, filfatt bagħat email lill-uffiċjali tat-Transport Malta bien jinforma li minħabba hekk, ma jistax jitella' Swejjaq u l-events l-oħra. Il-Kunsill qabel unanimament.

46.2.3 Is-Sindku qal li xtaq jirrikonoxxi x-xogħol li qed isir mill-uffiċju tal-Kunsillm b'mod partikolari mis-SE li qed taħdem fuq diversi proġetti apparti x-xogħol ta' kuljum. Is-SE qalet li tiikkonferma dan għaliex jiġu mumenti fejn ix-xogħol ta' kuljum lanqas jifdal ħin għalih.

46.2.4 Is-Sindku informa li l-ewwel laqgħa mal-ġemelaġġ tal-Birgu se ssir meta nagħmlu l-ħarġa lejn malta fl-1 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel unanimament.

46.2.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kappillan bagħat messaġġ ta' ringrazzjament għall-għajnuna tal-Kunsill fil-pussess tiegħu.

46.2.6 Is-Sindku qal li ġiet ippreparata u mibgħuta min se jkun il-contact person li ser ikun l-assistent taċ-Ċentru, u l-programm tax-xogħlijiet peress li skont il-kunratt tal-MOU mal-ERA, il-Kunsill għandu jippreparaħ ftit wara li jiġi iffirmat il-kuntratt. Il-Kunsill qabel unanimament.

46.2.7 Is-Sindku qal li peress li ġiet shifted bozza issa hemm area mudlama, qed jipproponi li fi Triq Cangura hemm bozza oħra li huwa tajjeb li tiġi shifted biex ikun hemm dawl mat-triq kollha. Il-Kunsill qabel unanimament.

46.2.8 Is-Sindku qal li ħass li għandu jinforma li f'xi okkażjonjiet il-Planning Authority talbu lill-Kunsill sabiex id-dawl fil-pjazza jintefa għax skont huma dan qed joħloq light pollution. Is-Sindku kompla jgħid li din hija xi ħaġa ngusta minn naħħa tal-awtorità li jippruvaw jakkużaw lill-Kunsill b'din il-ħaġa meta eqreb lejn id-Dwejra, anzi fid-Dwejra stess hemm barriera li taħdem lejl u nhar b'dawl qawwi jixgħel fiha. Fakkar li l-Kunsill għamel diversi rapporti u baqa' qatt ma

sar xejn. Huwa nġust li l-Awtorità ma timxix ma kulħadd l-istess u nforma lil Kunsill li wassal dan l-istess argument lill-Awtorità f'laqgħa li saret dan l-aħħar. Il-Kunsill qabel unanimament.

46.2.9 Is-Sindku semma li l-proġett tal-ġemmellaġ mexjin fih pero dan jirrekjedi ħafna xogħol minħabba deadlines sabiex jiġi iffirmat il-*grant agreement*.

46.2.10 Is-SE infurmat lill-Kunsill li fil-25 ta' Ottubru għall-ħabta ta' 9am, ġie kuntrattur il-kunsill fejn tkellem b'mod intimidanti kif ukoll qal xi akkuzi fil-konfront tagħha. Wara li telaq mill-uffċċju, is-SE ingħatala parir mill-pulizija sabiex tmur tagħmel rapport l-għassa. Fil-prezenza tas-SE kien hemm Loretta Cauchi ukoll. Il-Kunsill qabel unanimament li jikundanna dan it-tip ta' għaġir fil-konfront tal-istaff fejn kull m'qed jagħmlu xogħolhom u li għandha ssir laqgħa urġenti mas-Surgent.

46.2.11 Is-SE qalet li ħarġet SPI.SCI.10.2022 Espressjoni ta' Interess - Żvilupp u titjib ta' Latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex. Wara diskussjoni sar qbil li nerġgħu nqajmu l-proposta biex napplikaw fi Triq Nicholas Monsarrat. Il-Kunsill qabel unanimament.

46.2.12 Is-SE qalet li ħarġu skemi ta fondi ta' Innovative Techologies Projects. Il-Kunsill qabel unanimament li ma napplikawx peress li ma tawx timeframe addattat għall-applikazzjoni.

## 46.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

46.3.1 Il-kunsillier Joseph Cauchi saqsa fuq tiswija ta' rampa fi Triq Wied Gonu u xi ħsara fl-istess triq. Il-Kunsill qabel unanimament biex għandna nirrapurataw fiċ-channels tas-soltu sabiex issir.

46.3.2 Il-viċi sindku Anthony Formosa ippropona li ssir maintenance fil-pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament.

46.3.3 Il-viċi sindku Anthony Formosa qal li infurmaħ xi ħadd li xi nies qed jgħaddu minn għalqa privata sabiex jibqgħu sejrin fil-passaġġ għad-Dwejra. Is-Sindku infurmaħ li l-aħjar li s-sid jirraporta lil-PA.

46.3.4 Il-kunsillier George Camilleri ippropona li nibgħatu ringrazzjament b'email lill-Hon Miriam Dalli kif ukoll lill-Hon Clint Camilleri fl-intervent tagħhom għall-fondi taċ-Ċentru tad-Dwejra. Is-Sindku informo li dan ġa sar malli għaddiet l-event.

46.3.5 Il-kunsillier George Camilleri saqsa jekk San Lawrenz u d-Dwejra hawnx art tal-Gvern sabiex ikunu jistgħu jsiru walking paths fid-Dwejra. Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu snin twal jirriċerka dwar dan, pero kemm fid-Dwejra kif ukoll San Lawrenz l-art hija privata. . Pero s-Sindku fakkar li mal-management plan dawn diga qed jiġu imfassla.

46.3.6 Il-kunsillier George Camilleri ippropona sabiex Triq Cangura issir bil-parking bays. Is-Sindku infurmaħ li bil-parking bays tnaqqas l-ammont ta' karozzi li jkunu jistgħu jipparkjaw.

46.3.7 Il-kunsillier George Camilleri saqsa fuq il-community police u li dan suppost ikollu telefon fejn il-pubbliku tista iċċempillu dirett. Is-Sindku qal li huwa infurmat li meta ikun idur in-nies, hu jqassam card bit-telefon number tiegħu.

46.3.8 Il-kunsillier George Camilleri ippropona sabiex il-karozzi ma jibqgħux nezlin isfel sal-Inland Sea. Is-Sindku qal li fil-kumitat tad-Dwejra il-Kunsill ilu snin jenfasizza fuq dan l-aspett u kull darba l-Kunsill qed jipproponi li hemm isfel l-aċċess ikun biss għall-dawk li għandhom boathouse, divers, sajjieda bid-dgħajsa jew xi aċċess simili. Pero huwa importanti li qabel dan għandu jsir parking adekwat fuq.

## 46.4 Adjudication Board – Dwejra Assistant;

46.4.1 Is-SE qalet li se tipprezenta r-rapport tal-adjudication board ta' *SLLC/05/2022 - TENDER FOR THE PROVISION OF SERVICES FOR AN ASSISTANT TO OPEN AND MANAGE THE DWEJRA ENVIRONMENTAL EDUCATION CENTRE.*

46.4.2 F'dan il-ħin is Sindku iddikjara kunflitt ta' nteress u talab li jirtira mill-laqgħa sabiex il-Kunsill ikun fil-libertà li jiddeċiedi u jieħu deċiżjoni.

46.4.3 Is-SE qalet li kien hemm zewġ offerti għall din is-sejħa pero fir-rapport, il-bord irrimarka li offerta waħda biss mingħand Ms Anna Formosa li kienet *'cheapest and technicaally complaint'*.

46.4.4 Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport tal-bord.

46.4.5 Is-Sindku reġa daħal lura għall-laqgħa.

## 46.5 Aċċess għall-Uffiċini tal-Kunsill;

46.5.1 Is-Sindku qal li kien hemm issue għaliex ġie infurmat li l-ħin tal-aċċess għall-pubbliku se jkun limitat minħabba issue ta' security. Is-Sindku qal li tkellem mal-Head tal-iskola u għalissa se jibqa kollox kif inhu.

## 46.6 Sehem tal-Kunill fil-Bord tal-GRDF;

46.6.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mistieden sabiex ikun parti mill-bord il-ġdid tal-GRDA (?). Dan il-board ser ikun magħmul mill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u Ta' Sannat, il-Gozo Tourism Association u l-aġenzija MIEMA. Huwa nforma li fl-invit kien aċċertat li dan mhux se jkun ta' spiza fuq l-Kunsill fejn b'hekk il-Kunsill jista' jkun parti minn proġetti tal-EU li japplika għalihom dan l-istess board. Il-Kunsill qabel unanimament li jifforma parti minn dan il-board u li s-Sindku jkun ir-rappreżentant.

## 46.7 Attivitajiet tal-Milied;

46.7.1 Is-Sindku informa li mill-applikazzjoni tad-DLG rigward l-iskema tal-Milied, il-Kunsill għadu ma irċieva l-ebda risposta iżda wara li ssottometta applikazzjoni mad-dipartiment tal-kultura t'Għawdex ħadna €10,000. Is-Sindku ippropona li nibdew nippreparaw għall-events li nistgħu nagħmlu bil-fondi li għandna available. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 46.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

46.8.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 46.9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

46.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:30 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir nhar l-Ħamis, 17 ta' Novembru 2022 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv